MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 607/2006

**Joseph Galea u Salvatore sive Saviour Galea**

**Vs**

**Elia Galea, Borza ta' Malta, Accountant General kif ukoll John Galea u Vincenza Curmi Dimech ghal kull interessli jista' jkollhom u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2009 l-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-PL Victor Bugeja kienu nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredita tad-defunt Elia Galea**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fl-4 ta' Lulju 2006 l-atturi ppremettew li:-

1. Huma t-tnejn eredi ta' ommhom Elena Galea li mietet fil-5 ta' Lulju 2004 skond testment li ghamlet fil-5 ta' Marzu 1994.
2. Elena Galea kellha diversi assi registrati mal-konvenuta Borza ta' Malta bhala kont MSE numru 9115382.
3. Fis-27 ta' Mejju 2005 nofs dawn l-assi gew trasferiti mill-Borza ta' Malta fuq struzzjonijiet tal-konvenut Accountant General f'kont iehor MSE numru 9420371 intitolat Estate of the late Mrs Helen Galea and subject to the usufruct of Mr Elia Galea, filwaqt li n-nofs l-iehor baqa' fl-istess kont MSE Numru 9124187 li gie intestat bhala f'isem il-konvenut Elia Galea.
4. Dawn l-assi kienu fl-intier jew kwazi kollha frott ta' bejgh ta' proprjeta' parafernali tal-imsemmija Elena Galea.
5. Dan it-trasferiment u bidla fl-intestatura ta' l-assi sar bla kunsens u anzi kontra r-rieda tal-atturi li certament ma ffirmaw l-ebda dokument fir-rigward.
6. Dan l-agir abbuziv u illegali tal-konvenuti, jew min minnhhom, qieghed jippregudika serjament l-interessi tal-atturi bhala l-werrieta ta' Elena Galea.

Ghalhekk talbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li t-trasferiment hawn fuq indikat hu abbuziv u illegali ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.
2. Tillikwida s-sehem tal-eredi tal-imsemmija Elena Galea u b'mod partikolari s-sehem taghhom mill-assi fil-kont imsemmi aktar 'il fuq, cioe MSE numru 9124187 li kien jikkontjeni s-segwenti: 50,000 6.65%, MGS 2016; 6,000 6.45% MGS 2014 (III); 10,000 5.9% MGS 2015(II), wara li tiehu in konsiderazzjoni sehem l-imsemmija Elena Galea, gia ezistenti bejnha u bejn il-konvenut Elia Galea u kif ukoll kwalunkwe kreditu parafernali fuq l-istess komunjoni a favur tal-istess Elena Galea.
3. Tordna sabiex l-imsemmija assi fl-intier taghhom jigu registrati f'isem il-partijiet Joseph Galea, Salvatore sive Saviour Galea, John Galea u Vincenza Curmi Dimech, ilkoll eredi tal-mejta ommhom Elena Galea.
4. Alternattivament, f'kaz li t-tielet talba ma tistax tintlaqa' ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuti jew min minnhom, tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom

responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi bhala konsegwenza tal-imsemmi trasferiment irregolari.
5. Tillikwida d-danni.
6. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni.

Il-Borza ta' Malta wiegbet (fol. 14):-

1. Illi preliminarjament u qabel kollox, l-eccipjent mhix legittima kontradittrici skond il-ligi peress illi skond paragrafu 1(ii) intitolat "Off-Market Transfers – Release of Estates" ta' Appendix II anness mal-Kapitolu 4 tal-Bye-laws applikabbli ghall-kaz odjern u mahruga mill-Borza ta' Malta taht l-artiklu 28 (2) ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap.345 tal-Ligijiet ta' Malta, it-titoli tal-*Malta Government Stocks* mizmuma mid-decujus Elena Galea setghu jigu ttrasferiti biss fir-rilaxx tal-wirt fuq struzzjonijiet precizi ta' l-Accountant General, kif fil-fatt gara' fil-kaz odjern skond ma jirrizulta mill-ittra u struzzjonijiet hemm kontenuti ta' l-Accountant General Stocks Sections fid-Dipartiment tat-Tezor bir-riferenza numru TR 292/05 datata 23 ta' Mejju 2005 hawn ezebita u mmarkata bhala "Dok. MSE1", u li kwindi l-Borza ta' Malta ma kellha xejn x'taqsam ma' xi talba jew korrispondenza relattiva dwar ir-rilaxx tat-titoli mizmuma mid-decujus, ma zzomm ebda assi appartenenti lill-wirt tad-decujus Elena Galea, lanqas biss ma kellha ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi, bhalma huma bhala werrieta jistghu talvolta jkollhom ma' l-Accountant General li bhala Issuer hareg it-titoli gja' mizmuma mid-decujus u ghalhekk wisq anqas ma setghet tikkagunalhom xi danni kif jippretendu l-atturi meta hija mxiet korrettement u unikament skond l-imsemmija Bye-laws mahruga bis-sahha tad-disposizzjoni tal-ligi fuq citata.
2. Illi subordinament, bla pregudizzju ghas-sueccepit, u bhala konsegwenza wkoll ghas-sueccepit, l-eccipjent mhix edotta mir-rizultati ta' xi ricerki testamentarji, sew ghal testmenti pubblici u sew ghal testmenti sigrieti li setghet ghamlet id-decujus peress li d-debita verifika u approvazzjoni tar-rilaxx ta' l-assi tal-wirt tal-mejta sar unikament that ir-responsabbilta` ta' l-Accountant General, liema oneru ta' ricerki jibqa' jinkombi fuq l-atturi – skond il-principju *ei incumbit probatio qui*

*affermat* – li ghandhom jippruvaw it-titlu taghhom ta' werrieta li huma qeghdin jivvantaw quddiem din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit, fl-assenza assoluta ta' xi prova kuntrarja, il-pretensjonijiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-artiklu 1321 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghti lok ghall-prezunzjoni *juris tantum* favur l-inkluzjoni fil-komunjoni ta' l-akkwisti ta' kwalsiasi beni li parti mizzewga bhal ma kienet id-decujus setgha kellha f'isimha.

4. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-pretensjonijiet ta' l-atturi huma wkoll kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi, skond l-artikolu 1320(e) tal-Kodici Civili, l-atturi bhala werrieta ta' ommhom il-mejta Elena Galea jistghu talvolta u ghall-grazzja ta' l-argument ikollhom biss id-dritt ta' kreditu ghar-rifuzjoni tal-valur ta' l-akkwist tat-titoli gja' mizmuma mid-decujus, izda certament mhux it-titoli infushom de quo kif jippretendu huma fit-talbiet taghhom, galadarba ex admissis l-atturi stess formalment u solennement jiddikjaraw u jikkonfermaw fil-paragrafu 4 tar-rikors guramentat taghhom promotur tal-kawza odjerna, li l-istess titoli assi tal-wirt *"kienu fl-intier jew kwazi fl-intier taghhom frott bejgh ta' proprjeta` parafernali ta' l-imsemmija Elena Galea"* – anki jekk madankollu l-atturi jibqghu xorta konfuzi dwar kemm hija sewwa sew il-kwota minn dawk it-titoli li setghu kienu frott ta' dak il-bejgh kif allegat izda bl-ebda mod ippruvat!

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ghall-korrettezza ghandu jinghad li l-imsemmija decujus Elena Galea ma kellhiex l-Kont MSE Numru 9124187 u 6,000 6.45% MGS 2014 (III) kif allegat u kif erronejament indikat fl-ittra tal-Borza ta' Malta datata 6 ta' Gunju 2005 indirizzat lin-Nutar Pubbliku Dottor Anthony Bonnici ezebita mar-rikors odjern u mmarkata bhala "Dok. C", izda fil-fatt hija kellha l-Kont MSE Numru 9115382 u 6,000 6.45% MGS 2014 (II) kif inekwivokabbilment u opportunament gie kkjarifikat b'ittra gdida tal-Borza ta' Malta datata 21 ta' Gunju 2005 u ndirizzata lill-istess Nutar Pubbliku Dottor Anthony Bonnici hawn ezebita u mmarkata bhala "Dok. MSE2".

Il-konvenut Accountant General wiegeb (fol. 21).

1. Ma kellu l-ebda indikazzjoni, fit-talba li saritlu, li l-assi jigu trasferiti ai termini tat-testment unica charta tal-5 ta’ Marzu 1994.
2. L-Accountant General ma kellu ebda indikazzjoni li l-istocks kienu assi parafernali tal-mejta Elena Galea.
3. Il-konvenut ta’ parir lill-Borza ta’ Malta skond l-istruzzjonijiet li nghataw lilu min-Nutar.
4. L-atturi ma kellhom l-ebda dritt li jezigu li jaghtu l-kunsens taghhom sabiex isir it-trasferiment.
5. Il-konvenut kien in *buona fede* u ma kellux ghalfejn jahseb li l-assi tal-mejta Elena Galea ma kienux jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u lanqas remotament ma kien jahseb li seghu originaw minn fondi parafernali.
6. L-atturi stess ghandhom dubju jekk l-assi trasferiti kienux parafernali ta’ Elena Galea.
7. Il-konvenut ma agixxiex b’mod abbuziv u illegali.
8. Il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li t-trasferiment ma kienx abbuziv u illegali.
9. Il-konvenut ghandu jigi wkoll liberat mill-ispejjez tal-kawza u tal-kontroprotest.
10. Il-konvenut ser joqghod ghad-decizjoni tal-qorti dwar l-eventwali trasferiment tal-istocks meritu ta’ din il-kawza.

Permezz ta’ twegiba prezentata fil-5 ta’ Frar 2007 (fol. 43) il-konvenuti Galea u Curmi Dimech wiegbu:-

1. L-ewwel tlett talbiet ghandhom jigu michuda. L-atturi ghandhom jaghtu prova li l-assi indikati minnhom kienu proprjeta parafernali ta’ Elena Galea. L-assi kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Elena Galea u Elia Galea. Meta mietet Elena Galea, u skond id-disposizzjonijiet testamentarji taghha, kienu divizi fi tnejn biex nofs ikunu f’isem Elia Galea u n-nofs l-iehor ikunu f’isem l-eredi ta’ Elena Galea. Fuq dan in-nofs f’isem l-eredi ta’ Elena Galea, Elia Galea ghandu l-uzufrutt. Ghalhekk ma kien hemm ebda abbuz u lanqas vjolazzjoni tad-drittijiet tal-atturi.

2. Ghar-rigward tal-ahhar tliet talbiet, dawn ghandhom jigu michuda ghaliex ma hemm ebda responsabbilta' ghal danni tal-eccipjenti jew min minnhom fil-konfront tal-atturi, fit-tieni lok ghaliex ma hemmx danni x'jigu likwidati favur taghhom u fit-tielet lok ghaliex ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjenti jew min minnhom ghall-hlas ta' danni lill-atturi.

Il-qorti semghet il-provi. Rat ukoll l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet, ghalkemm ma jirrizultax li l-kuraturi pprezentaw nota ta' sottomissjonijiet.

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jikkontestaw trasferiment li sar ta' investiment li kien registrat f'isem ommhom Elena Galea, li mietet **fil-5 ta' Lulju 2004**. Elena Galea kienet mizzewwga lil Elia Galea u kellhom erbat itfal, l-atturi Joseph u Salvatore, u l-konvenuti John Galea u Vincenza Curmi Dimech. B'testment *unica charta* li ghamlet ma' zewgha fil-5 ta' Marzu 1994 (fol. 6), Elena Galea nnominat lill-erbat itfal taghha bhala werrieta universali, filwaqt li halliet lil zewgha l-uzufrutt tal-gid taghha.

Jirrizulta li fid-data tal-mewt ta' Elena Galea, f'isimha kien hemm investiment li kien jikkonsisti f'MSE kont numru 9115382[1]:-

50,000 6.65% MGS2016;
6,000 6.45% MGS 2014(III);
10,000 5.9% MGS 2015 (II)[2];

Jirrizulta li fis-27 ta' Mejju 2005 dan l-investiment gie trasferit b'dan il-mod:-

i. F'isem **Elia Galea**:-

25,000 6.65% MGS 2016;
3,000 6.45% MGS 2014(III);
5,000 5.9% MGS 2015 (II);

---

[1] Ara ittra datata 21 ta' Gunju 2005 tal-Borza ta' Malta (fol. 20).
[2] Ara Dok. C a fol. 8.

ii. F’isem il-wirt ta’ **Elena Galea**:-

25,000 6.65% MGS 2016;
3,000 6.45% MGS 2014(II);
5,000 5.9% MGS 2015 (II);

Fis-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2011 (fol. 213) id-difensur tal-ahwa konvenuti kkonfermat li:-

*“1. Li hemm qbil li Elia Galea kellu uzufrutt fuq il-gid ta’ martu.*
*2. Il-werrieta universali ta’ Elia u Elena konjugi Galea* [huma l-ahwa Galea] *(testment unica charta 5 ta’ Marzu 1994).*
*3.* ***Hemm qbil li l-investiment sar mir-rikavat ta’ bejgh ta’ art li kienet wirtet Elena Galea***[3]*.*
*4. L-investiment li sar f’isem Elia Galea ghadu intatt sal-gurnata tal-lum u hu investiment identiku ghal dak registrat f’isem Elena Galea.”* (enfazi tal-qorti, fol. 213).

Jirrizulta li wara l-mewt ta’ Elena Galea, kien gie nkarigat in-nutar Dr Bartolomeo Micallef sabiex l-investiment jinqasam bejn il-wirt ta’ Elena Galea u Elia Galea li kien ghadu haj. Elia Galea miet fis-16 ta’ Gunju 2007. Fil-fatt in-nutar Micallef baghat ittra f’dan is-sens lill-Borza ta’ Malta, datata 27 ta’ Jannar 2005 (fol. 26). Mir-ricerki testamentarji jirrizulta li l-wirt tieghu hu wkoll regolat mit-testment tal-5 ta’ Marzu 1994 pubblikat min-nutar Dr Francis Micallef, u l-werrieta tieghu huma l-erbat itfal tieghu. Jidher ukoll li l-investiment li jissemma fl-ittra datata tas-6 ta’ Gunju 2005 mibghuta mill-Borza (fol. 8),

[3] Il-konvenut John Galea xehed li kienet inbieghet art parafernali ta’ ommu u l-flus kienu gew depozitati f’kontijiet il-bank f’kont fiss. Kompla jghid li: *"Niftakar illi parti sostanzjali ta’ dawn il-flus kienu gew intestati f’isem ommi waqt li l-kumplament kien f’isem missieri. Xi ftit zmien wara, kienu hargu stocks tal-Gvern b’rata vantagguza u cioe’ b’rata ta’ interessi aktar milli kienu investiti fil-fixed account. Peress illi dawn il-kontijiet kien fadlilhom marbutin xi xahar u nofs biss, il-genituri tieghi kienu hadu self mill-bank HSBC Bank of Malta plc ghal dan il-perjodu qasir sabiex ikun jistghu jixtru dawn l-istocks. Kif ghalqu l-kontijiet mal-Bank, awtomatikament thallset lura l-loan. Dawn l-istocks gew intestati bl-istess mod bhal kontijiet bankarji, fejn parti sostanzjali kienet f’isem ommi"* (fol. 259-260).

ghadu intatt. F'dawn ic-cirkostanzi hi l-fehma tal-qorti li l-ewwel talba, li hi t-talba principali, giet ezawrita mal-ftuh tas-successjoni ta' Elia Galea. Irrispettivament jekk l-investiment li kien hemm f'isem Elena Galea kienx parafernali jew jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, mal-mewt ta' Elia Galea dan 'il fatt ma baqax importanti meqjus li:-

i. Elia Galea kien uzufruttwarju ta' martu u ghalhekk m'hemmx dubju li kellu dritt ghad-dhul li kien qieghed irendi dak l-investiment;
ii. L-erbat itfal huma werrieta tal-genituri taghhom. Mela kull wiehed minnhom ghandu sehem mill-investiment li baqa' kollu intatt minkejja li nqasam fi tnejn;

L-azzjoni tal-atturi hi bazata fuq il-premessa li l-investiment MSE Account number 9115382 kien *"fl-intier jew kwazi fl-intier frott bejgh ta' proprjeta' parafernali tal-imsemmija Elena Galea"*[4]. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fis-17 ta' Gunju 2013 qalu: *"Illi l-imsemmi kont*[5] ***kien proprjeta ta' Elena Galea*** *li tigi omm l-atturi u omm il-kovenuti John Galea u Vincenza Curmi Dimech"* (enfazi tal-qorti). Hu ghalhekk evidenti li l-atturi jippretendu li l-investiment kien proprjeta parafernali ta' ommhom. Il-qorti ma taqbilx. L-investiment fl-MSE Account number 9115382 kien parti mill-komunjoni tal-akkwisti meqjus li[6]:-

i. Il-konvenut John Galea xehed li l-genituri tieghu kienu hadu self minghand il-bank sabiex akkwistaw *Malta Government Stock*. Mill-provi jidher li fl-14 ta' Frar 2003 il-konjugi Galea kienu hadu self minghand l-HSBC Bank Malta plc ghas-somma ta' Lm32,436 li thallas fid-29 ta' April 2003 (fol. 236-237). Mela l-istock inxtara mhux bi flus parafernali.

ii. F'kull kaz, ukoll jekk il-flus jew parti mill-flus li bihom inxtraw l-*Malta Government Stock* kienu parafernali ta' Elena Galea, peress li l-akkwist sar waqt iz-zwieg l-

---

[4] Paragrafu numru 4 tar-rikors guramentat.
[5] L-atturi qeghdin jirreferu ghal MSE numru 9115382 f'isem ommhom Elena Galea.
[6] Dan apparti l-presunzjoni *juris tantum* (Art. 1321 tal-Kodici Civili).

istocks jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1320(e) tal-Kodici Civili). F'dan ir-rigward il-qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Borza ta' Malta li: *"Se mai, il-werrieta tal-mejta Elena Galea kellhom biss dritt ta' kreditu li jiehdu lura l-ispejjez li kienet ghamlet l-istess decujus ma' zewgha Elia (illum ukoll mejjet) ghall-akkwist ta' dawk il-beni mobbli Stocks tal-Gvern …."*.

L-atturi joggezzjonaw li l-investiment li kien f'isem ommhom inqasam fi tnejn minghajr il-kunsens taghhom bhala tnejn mill-werrieta taghha[7]. Jirrizulta li wara l-ittra tan-nutar Micallef, l-Accountant General talab lill-Borza ta' Malta biex taqsam l-investiment bil-mod li jinghad fid-dokument anness mal-ittra tat-23 ta' Mejju 2005 minghajr ma accerta ruhu li kien hemm il-kunsens tal-werrieta kollha ta' Elena Galea. Il-qorti ma taqbilx dwar il-mod kif saru l-affarijiet. Wara l-mewt ta' Elena Galea l-likwidazzjoni u qasma tal-gid li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti kellu jsir bi qbil bejn il-werrieta kollha taghha u missierhom u fin-nuqqas b'sentenza ta' qorti. Ir-realta' hi l-Accountant General u l-Borza ta' Malta ma jkunux jafu per ezempju xi kreditu jista' jkollu l-konjugi sopravissut jew il-wirt tal-konjugi mejjet fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti. Inoltre, b'dak li sar jidher li saret divizjoni parzjali minghajr ma kien hemm il-kunsens ta' kullhadd. 'Il fatt li Elia Galea kellu l-uzufrutt fuq il-gid kollu ta' martu ma jvarja xejn minn din il-fehma gialadarba l-obbligu tal-uzufruttwarju huwa li: *"igawdi l-hwejjeg li taghhom haddiehor ghandu l-proprjeta', bl-obbligu li jzomm is-sustanza tghhom sew fil-materja kemm fil-ghamla"* (Art. 328 tal-Kodici Civili).

Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut Accountant General qal: *"[…] strah fuq dak li qallu n-nutar [ufficjal pubbliku] li kien qieghed jiehu hsieb id-denunzja tal-kaz, il-bniedem l-aktar idoneo li seta' jaghtih parir validu billi kellu konoxxenza ta' dak li kien qieghed jigri fl-assi in kwistjoni"*. Ghalkemm jidher li hekk gara, pero' fil-korrispondenza li baghat in-nutar Micallef ma jinghadx f'isem min kien

[7] Ara hames u sitt premessa tar-rikors guramentat.

qieghed jikteb l-ittra[8]. Fil-fehma tal-qorti jekk l-Accountant General ipprezuma li n-nutar kien qieghed jikteb ghan-nom tal-eredi ta' Elena Galea, ghamel hazin. Sahansitra mid-deposizzjoni tan-nutar Micallef[9] irrizulta kif kien Elia Galea li fittex is-servizzi tieghu. F'ittra datata 23 ta' Mejju 2005 (fol. 17)[10] l-Accountant General baghat igharraf lill-Borza ta' Malta li *"[…] all documents relating to the winding up to the estate of deceased holder detailed below have been vetted by us"*. Jinghad ukoll *"The Legal Advisor* ***and the heirs have given their approval that these Stocks are to be assigned as indicated in the attached sheets.****"* (enfazi tal-qorti) Fir-realta' m'huwiex veru li l-eredi kollha ta' Elena Galea kienu taw il-kunsens taghhom sabiex l-investiment f'isem Elena Galea jinqasam bil-mod li sar. Din id-dikjarazzjoni li saret mill-Accountant General fiha nnifisha taghti x'tifhem li kien jaf li kien mehtieg il-kunsens tal-werrieta kollha.

Ghal dak li jikkoncerna l-Borza ta' Malta, jidher li kull ma ghamlet kien li segwiet l-istruzzjonijiet tal-Accountant General skond l-ittra datata 23 ta' Mejju 2005 u dokumenti annessi (fol. 17-19). Fir-realta' meta nfurmata li kien hemm il-kunsens tal-werrieta kollha, kienet qeghda tizgwidaha. Il-presenza taghha fil-gudizzju kien jibqa' rilevanti biss ghal finijiet ta' ezekuzzjoni ta' sentenza.

Fir-rigward tal-pretensjoni ghad-danni, m'hemm l-ebda prova li l-atturi sofrew xi danni. Anzi l-ironija hi li Elia Galea spicca biex lanqas gawda mill-imghax li tqassam wara li giet prezentata l-kawza. Jeanette Vella qalet: *"Meta infethet il-kawza il-Borza ffrizat il-kontijiet u kollox ghadu kif kien qabel,……. Nikkonferma li mit-28 ta' Settembru 2007 sal-gurnata tal-lum ma thallas l-ebda imghax. Dawn il-flus qeghdin f'suspense account maghna. Ghalhekk Elia ma gawdiex mill-uzufrutt. Bhalissa dan l-imghax akkumula fis-somma ta' €63,986….."* (fol. 219). Dan ifisser li hemm parti sostanzjali ta' imghax li

[8] Jeannette Vella, Principal Officer mad-Dipartiment tat-Tezor, ikkonfermat li n-nutar ma kienx gharrafhom ghan-nom ta' min kien kiteb l-ittra (fol. 218).
[9] Seduta tas-7 ta' Mejju 2012 (fol. 229).
[10] Hemm ittra identika pero' datata 20 ta' Mejju 2005 a fol. 28.

ghalkemm Elia Galea kellu jedd li jgawdih, ser jispicca jitgawda mill-istess persuni li harrkuh.

Fl-ahharnett il-qorti taghmel riferenza ghal dak li jinghad fil-verbal tat-2 ta' Dicembru 2011:-

*"Il-qorti tordna lill-atturi sabiex in vista tax-xhieda li nstemghet illum, jirregolaw ruhhom dwar jekk ghandhom jibqghu jinsistu dwar il-meritu u jekk illum il-kwistjoni li ghadha pendenti hi biss dwar il-kap tal-ispejjez. F'dan ir-rigward l-atturi ghandhom jipprezentaw nota sal-15 ta' Jannar 2012 fejn jaghtu dan it-taghrif…."* (fol. 213).

B'nota prezentata fit-12 ta' Jannar 2012 (fol. 220) l-atturi ddikjaraw li huma ser ikomplu jtellghu l-provi fuq il-meritu, minkejja li hu evidenti li wara l-mewt ta' Elia Galea s-sitwazzjoni kienet giet kristallizata u ma kien hemm l-ebda htiega li l-atturi jibqghu jinsistu fuq il-meritu. Fil-premess numru 6 tar-rikors guramentat l-atturi qalu: *"Illi dan l-agir abbuziv u illegali da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, qieghed jippregudika serjament l-interessi tal-atturi bhala l-eredi tal-imsemmija Elena Galea"* (fol. 2). Jekk qatt ezista tali pregudizzju matul il-hajja ta' Elia Galea, dan sfuma fix-xejn mal-mewt tieghu peress li:-

- L-atturi huma wkoll werrieta ta' missierhom;
- L-investiment f'MSE 9124187 f'isem Elia Galea ghadu ntatt;

Hu evidenti li n-nuqqas tal-atturi li jirregolaw il-posizzjoni taghhom mal-mewt ta' Elia Galea, wassal sabiex ghall-numru ta' snin jitkompla jinstema' l-kaz fil-meritu. Inoltre, il-qorti ma tifhimx kif fir-rikors li pprezentaw fis-27 ta' Ottubru 2009 (fol. 76) ddikjaraw li huma werrieta ta' missierhom u hu evidenti li accettaw il-wirt tieghu, u fl-istess waqt baqghu jimpunjaw att li kien ghamel missierhom. Dan minkejja li kien altru milli evidenti li ma sofrew l-ebda pregudizzju u anzi l-azzjoni taghhom wasslet sabiex missierhom ma gawdix mill-qliegh li kien intitolat ghalih.

**Ghar-ragunijiet hawn fuq moghija l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-eccezzjoni tal-Borza ta' Malta li m'hijiex legittimu kontradittur, ghalkemm tqies li m'ghandha l-ebda responsabbilta' ghal dak li gara.**
**2. B'riferenza ghat-tieni eccezzjoni tal-Borza ta' Malta tiddikjara li l-atturi taw prova li huma tnejn minn erba' werrieta ta' Elena Galea.**
**3. B'riferenza ghall-hames eccezzjoni tal-Borza ta' Malta tiddikjara li din giet ezawrita bid-digriet li kien inghata fl-14 ta' Gunju 2013 wara rikors prezentat mill-atturi fil-11 ta' Gunju 2013.**
**4. B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-Accountant General, 'il fatt li fl-ittra tas-27 ta' Jannar 2005 (fol. 204) ma nghadx li l-gid kellu jinqasam skond it-testment tal-5 ta' Marzu 1994 fl-atti tan-nutar Dr Francis Micallef, ma jfissirx li ma kellux dmir li jizgura li hemm il-kunsens tal-werrieta kollha ta' Elena Galea qabel ta struzzjonijiet lill-Borza ta' Malta.**
**5. B'riferenza ghall-eccezzjoni tal-Accountant General li huwa pproceda a bazi ta' dak li nghad fl-ittra tan-nutar Micallef (fol. 204), tiddikjara li xorta kellu d-dmir li jaccerta ruhu li n-nutar baghat l-ittra tas-27 ta' Jannar 2005 fl-interess tal-werrieta kollha ta' Elena Galea gialadarba fl-ittra ma jinghadx f'isem min kiteb.**
**6. Tichad l-eccezzjoni tal-Accountant General li sabiex isir dak li fil-fatt sar ma kienx hemm bzonn il-kunsens tal-atturi (eccezzjoni numru 4).**
**7. Tiddikjara li l-konvenuti ghandhom ragun meta eccepew li l-istocks fl-MSE kont numru 9115382 kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Elia u Elena konjugi Galea. Madankollu ghal kull buon fini tiddikjara li sabiex l-investiment MSE Account 9115382 jinghalaq u jinqasam fi tnejn, kif effettivament sar, kien mehtieg il-kunsens tal-werrieta kollha ta' Elena Galea, fosthom l-atturi.**
**8. Ghalhekk tikkonferma li t-trasferiment li sar u li wassal biex jinholqu MSE kontijiet numru 9124187 f'isem Elia Galea u 9420371 f'isem il-werrieta ta' Elena Galea, ma kellux isir. Pero' gialadarba Elia Galea miet**

**fil-mori tal-kawza u l-werrieta tieghu huma wliedu kollha u l-investiment ghadu ntatt, tqies li din il-materja hi llum ezawrita.**
**9. Tichad il-kumplament tat-talbiet l-ohra gialadarba dawn huma kollha konsegwenzjali ghall-ewwel talba. Dan apparti 'l fatt li:-**

**(a) dak li qeghdin jitolbu l-atturi bit-tieni talba li l-qorti *"tiehu in konsiderazzjoni …. kwalunkwe kreditu parafernali fuq l-istess komunjoni a favur tal-istess Elena Galea"*, tista' ssir biss fi process tal-qsim tal-wirt. Madankollu hu ovvju li z-zewg investimenti MSE li hemm llum, huma tal-ahwa Galea bhala werrieta tal-genituri taghhom.**
**(b) m'hemm l-ebda prova li l-atturi sofrew xi danni.**
**(c) b'riferenza ghat-tielet talba, din ma setghet qatt tintlaqa' kieku baqa' haj Elia Galea gialdarba hi bazata fuq il-premessa li l-investiment kien proprjeta' parafernali tal-omm Elena Galea. Hemm prova li l-investiment kien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn Elia u Elena Galea.**

**Salv ghal dawk l-eccezzjonijiet li gew michuda, l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jinqasmu in kwantu ghal:-**

**i. Tlett kwarti (3/4) a karigu tal-atturi li baqghu jinsistu fil-meritu wkoll wara l-mewt ta' missierhom Elia Galea, li tieghu huma werrieta.**
**ii. Kwart (1/4) a karigu tal-wirt ta' Elia Galea gialadarba kien fuq talba tieghu li nghalaq MSE kont numru 9115382, u l-investiment inqasam bejnu u wliedu bhala werrieta ta' martu Elia Galea.**

**B'dan li l-Accountant General ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu peress li kuntrarjament ghal dak li ddikjara fl-ittra tat-23 ta' Mejju 2005, naqas milli jaghmel verifiki man-nutar Micallef biex jaccerta ruhu li l-ittra tan-nutar intbaghatet ghan-nom tal-werrieta kollha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------